**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:** ____________________ **Klassi:** __________________

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

**1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**

**2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent /a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

___

___

___

___

___

**TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.***

## XENI SVIZZERI TA' PAJSAĠĠ MALTI



L-ewwel pajsaġġi li nammiraw huma dawk ta' barra minn Malta, fl-istampi jew films: ħdura u għoljiet, siġar u ilmijiet jiġru, sħab fuqhom u xi baqar; pajsaġġ jiftaħ b'kemm tiflaħ tara b'għajnejk. Jolqotna l-ftuħ u l-wisa' tal-pajsaġġ barrani. *(par. 1)*

Bil-Malti lanqas għandna kelma sewwa, jew aħjar m'għandniex konoxxenza sewwa. Ngħidulhom *xeni Svizzeri*, għax aħna, beraħ kbir, muntanji, xmajjar u lagi m'għandniex. U jekk ma noqogħdux attenti lanqas il-ftit li għandna mhu se jibqa' għal ta' warajna. Qridna kollox. *(par. 2)*

Mid-dehra, waħdu ma jiġi xejn, speċjalment meta jidħol il-bniedem jgħaffeġ u "jiżviluppa" l-art. Bosta miċ-ċriev li jeżistu l-Ingilterra tpoġġew fil-kampanja bis-sussidju tal-gvern biex jieklu l-ħaxix ħalli jżommuh baxx. U bosta fjuri selvaġġi jeżistu għax il-bdiewa Ingliżi huma mħallsin biex ma jaqtgħux it-tiben qabel ma jagħtu ċans lill-fjuri selvaġġi li jwarrdu. Kollox artifiċjali, fis-sens li, kieku ma jiħux ħsieb il-bniedem, ilhom li nqerdu. Il-kampanja Ingliża hi opra ta' idejn il-bniedem u mhux biss tan-natura. U l-kampanja tagħna ta' min hi? *(par. 3)*

Il-firxa hawn Malta ġeneralment hija limitata. Jidhru kważi dejjem il-wajers ta' l-elettriku mdendlin bla grazzja 'l hawn u 'l hemm, forsi xi raddiena ddur, *Made in California*, xi ħarruba tfuħ, iż-żnażan iduru qishom ħelikopters żgħar, xi serp mistħi jżiġġ malajr, u jekk tkun ixxurtjat, xi nannakola jew farfett tal-kaboċċi. In-natura Maltija taf tkun sabiħa wkoll, u għandha s-sbuħija tagħha partikolari, in-narċis, is-sagħtar, il-lellux, u x'naf jien. Iżda kollox qiegħed jitbiegħed u jsir dejjem aktar rari u mistħi. Biex tara pitirross trid tagħmel elf wegħda. Il-gawwi abbandunana. *(par. 4)*

Il-barrieri tagħna għamlu feriti kbar u koroh, u s'issa għadna ma sibna ebda mod serju biex nagħmlu tajjeb għad-dannu li wettaqna: ħamrija tisparixxi minn lokal, għoljiet isiru ħofor, u widien jimtlew bl-iskart. *(par. 5)*

Il-pajsaġġ Malti jibqa' jeżisti biss sakemm nibżgħu għalih, u jibqa' pajsaġġ daqskemm naħdmu fuqu, niżirgħu s-siġar, ma nikkalpestawhx, u nnaddfuh mill-iskart tagħna. In-natura mhix aktar naturali daqskemm konna naħsbu, u f'Malta, aktar minn barra, jeħtieġ l-id għaqlija tal-bniedem li jħobb is-sabiħ u japprezzah, u lest iħallas il-prezz. *(par. 6)*

(Addattament minn kitba ta' Norbert Ellul-Vincenti f' ***Sagħtar***, April 2002)

| **A. FEHIM IT-TEST** | (10 marki) |
|---|---|

1. X'jiġbidna lejn il-pajsaġġi ta' barra minn Malta? *(par. 1)*

    ______________________________________________ (marka)

2. Ngħidulhom *xeni Svizzeri*. Għaliex? *(par. 2)*

    ______________________________________________

    ______________________________________________ (marka)

3. Xi jrid jgħid l-awtur bil-frażi "Kollox artifiċjali"? *(par. 3)*

    ______________________________________________ (marka)

4. Agħti 2 raġunijiet għaliex il-firxa hawn Malta hi limitata. *(par. 4)*

    ______________________________________________

    ______________________________________________(2 marki)

5. Fisser fi kliemek "...kollox qiegħed jitbiegħed u jsir dejjem aktar rari u mistħi." *(par. 4)*

    ______________________________________________

    ______________________________________________ (2 marki)

6. Xi ħsara għamilna fil-pajsaġġ Malti? *(par. 5)*

    ______________________________________________

    ______________________________________________ (marka)

7. Taħseb li l-awtur tas-silta hu kuntent bis-sitwazzjoni ambjentali f'pajjiżna? X'iġagħlek taħseb b'dan il-mod? *(par. 6)*

    ______________________________________________

    ______________________________________________ (2 marki)



| | |
|---|---|
| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (20 marka) |

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Sib mis-silta kif mitlub/a: (5 marki)

i. partiċella magħquda ma' l-artiklu minn par. 1: ___________________

ii. partiċella bis-suffiss pronominali minn par. 2: ___________________

iii. partiċipju passiv fil-plural minn par. 3: ___________________

iv. verb irregolari minn par. 4: ___________________

v. avverbju minn par. 6: ___________________

2. Wieġeb kif mitlub/a: (3 marki)

i. is-seba' forma ta' *jiftaħ*: ___________________

ii. il-konsonanti tal-għerq ta' *jitbiegħed*: ___________________

iii. il-partiċipju attiv, singular, femminil ta' *jidħol*: ___________________

## LESSIKU / VOKABULARJU

3. Agħti kelma bl-istess tifsira għal: (4 marki)

i. pajsaġġ *(par. 1)*: ___________________________

ii. konoxxenza *(par. 2)*: ___________________________

iii. lagi *(par. 2)*: ___________________________

iv. nikkalpestawhx *(par. 6)*: ___________________________

4. Mir-raba' paragrafu sib nom ta' nisel (a) rumanz u (b) anglo-sassonu:

(a) _____________________ (b) _____________________ (2 marki)

**ANALIŻI TESTWALI**

5. "... lanqas il-ftit li *għandna* mhu ser jibqa' għal ta' warajna." (marka)

***Għandna*** qed nużawha bħala: (a) prepożizzjoni ___

(b) verb fl-imperfett ___

6. X'funzjoni grammatikali għandhom l-ittri b'sing taħthom?

(a) għoljiet ____________________

(b) tagħhom ____________________ (2 marki)

7. Liema frażi minn par. 2 turi li fil-fehma ta' l-awtur għarraqna u ħassarna l-pajsaġġ Malti?

____________________________________________ (marka)

**SINTASSI**

8. Ikteb din is-sentenza b'mod ieħor mingħajr ma tibdel it-tifsira:

In-natura mhix aktar naturali daqskemm konna naħsbu, u f'Malta, aktar minn barra, jeħtieġ l-id għaqlija tal-bniedem.

F'Malta, ____________________________________________

____________________________________________ (2 marki)

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki)

1. Fisser l-idjoma miktuba korsiv:

Terz ta' l-art ta' Malta hija art agrikola. Fl-aħħar 15-il sena ntilfu madwar 1200 ettaru ta' art agrikola. *Daħal iż-żmien* li ma nibnux iżżejjed.

____________________________________________ ( 2 marki)

2. Ikteb qawl li taħseb li joqgħod għal din is-silta:

Trid tinforma ruħek dwar x'għandna speċjali fl-ambjent tagħna? Mela staqsi lill-Fondazzjoni Ekoloġika Maltija. Għax kif jgħidu:

____________________________________________ (2 marki)

| D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV | (8 marki) |
|---|---|

Agħżel **waħda** minn **a** u **b**:

a. Biex jiġi mfakkar *Jum l-Ambjent*, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Muxi ser jorganizza kompetizzjoni ta' kitba ta' esejs. Bħala s-segretarju/a inti ġejt mitlub/a tħejji r-regolamenti għal dan il-konkors f'forma ta' **8** punti.

**JEW**

b. Ċinzja u Simon ir-Raggae ta' *Jinqabad bid-Drogi* huma vittmi ta' l-abbuż mid-droga. Nistgħu qatt nirbħu l-ġlieda kontra d-drogi? Fi **8** punti agħti l-opinjoni tiegħek.

- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________

| E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI | (8 marki) |
|---|---|

Agħmel referenza għal **8** aspetti mill-proġett ***L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija*** li ħdimt fuqu din is-sena:

- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________

| **F. LETTERATURA** | (30 marka) |
|---|---|

## 1. QAWSALLA : IL-PROTESTA (12-il marka)

i. Kontra xiex jipprotesta V. Fenech fil-poe-proża ***Tradiment***?

________________________________________ (marka)

ii. Skond V. Fenech, fi ***Tradiment***, x'għandu jkun id-dmir ta' l-individwu?

________________________________________ (marka)

iii. Min kien jinżel ħdejn iz-zuntier tal-knisja f'nofs il-wied, fil-poeżija ***San Niklaw*** ta' J. Friggieri?

________________________________________ (marka)

iv. "...kif tibda x-xemx tistaħba" (***San Niklaw*** ta' J. Friggieri)

Din il-figura tad-diskors tissejjaħ:
(a) metafora ___ (b) personifikazzjoni ___ (ċ) similitudni ___ (marka)

v. It-ton tal-poeta M. Vella f'***Ħitan tas-Sejjieħ*** hu wieħed:

________________________ (marka)

vi. Għaliex il-poeta f'***Ħitan tas-Sejjieħ*** jgħid li sar il-miraklu tal-konkrit?

________________________________________ (marka)

vii. X'użu għandha l-kelma ***bla*** f'dawn iż-żewġ versi mill-poe-proża ***Iż-Żabra*** ta' V. Fenech?:

> "U baqa' ġo moħħi l-lejl kollu, bla friegħi bla weraq bla tjur
> u bla kenn, zokk oħxon ġo misraħ iqattar id-demm."

________________________________________ (marka)

viii. Sib u ikteb kif mitlub/a minn dawn il-versi tal-poe-proża ***Iż-Żabra***.

> "U ruħi, tithenna
> mdorrija b'għanjiethom mis-siġra kennija, ħassejtha
> sseħibhom f'titjir(a)gunija."

(a) neoloġiżmu : ________________________________

(b) alliterazzjoni : ________________________________ (2 marki)

ix. X'inhuma l-fatturi stilistiċi li jagħmlu ***Iż-Żabra*** u ***Tradiment*** poe-proża?:

______________________________________________________________

______________________________________________________ (3 marki)

**2. QAWSALLA : IL-FAMILJA** (6 marki)

F'***Lullaby lil Yevgeny*** ta' M. Azzopardi u f'***Sentiment*** ta' Ph. Sciberras naraw lill-poeti jindirizzaw lil uliedhom. Agħżel **poeżija** minnhom u ikteb, f'mhux aktar minn **40** kelma, il-messaġġ li jrid iwassal il-poeta.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**3. PROŻA / DRAMM** (12-il marka)

Agħżel **waħda** minn **a** u **b.** Ikteb madwar **80** kelma fuq karta separata:

a. Uri kemm ***L-Isqaq*** ta' Ġ. Chetcuti nistgħu nikklassifikawh fil-ġeneru ta' rumanzi realistiċi.

**JEW**

b. L-umoriżmu f'***Satira*** ta' O. Calleja ma jridx idaħħak iżda jikxef dinja ta' kuntradizzjonijiet u twegħir. Ikkummenta.

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **350** kelma fuq karta separata:

1. L-ambjent u l-iżvilupp. Min ser jirbaħ bejniethom?

2. Ġmiel in-natura fix-xitwa.

3. Għajn li tixrob minnha, iddardarhiex!

4. Tlaqt nimxi fil-kampanja.

5. Kieku ma konniex imdawrin bil-baħar.



6. Fil-vaganzi tal-Għid int ħadt sehem f'xogħol volontarju ta' tindif fil-wied tal-lokal tiegħek. Ikteb rapport dettaljat dwar din l-esperjenza tiegħek.